IL-BIRGU
Citta' Vittoriosa

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# It-Tmien Legislatura

# Laqgħa Numru 22

Il-Kunsill Lokali Birgu ltaqa' għal din il-laqgħa fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm) it-Tlieta 7 ta' Lulju 2020.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Christopher Cassar – Viċi-Sindku
Is-Sur Anton Gellel - Kunsillier
Is-Sur Trevor Mizzi – Kunsillier
Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Christian Lawrence Raggio Vella – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ppresedja l-laqgħa.

## 22.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 22.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq il-Minuti tal-Laqgħa Numru 21 għall-approvazzjoni. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera, approvawhom unanimament.

## 22.3 Korrispondenza

22.3.1 Preżentati tlett (3) quoatations għal xogħol ta' irrigation, qlugħ u tħawwil ta' siġar f' tal-Ħawli. Il-quotations kienu evalwati u l-kunsill qabel li jmur għall-irħas offerta tal-kumpanija Gardania Gardening and Landscaping. Dan ix-xogħol ser jitħallas minn fondi li bbenifika minnhom il-kunsill għal dawn it-tip ta' proġetti.

22.3.2 Preżentata korrispondenza mibgħuta minn Dr.Rachel Marie Scicluna mill-Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali sabiex tissejjaħ laqgħa mar-residenti ta' Triq Kan. Alwiġ Fenech biex jiġi spjegat dan il-proġett. Is-Sindku saħaq li l-kunsill m'għandux ikun preżenti la darba diġà oġġezzjona għal dan il-proġett, iżda lest li joffri post sabiex issir din il-laqgħa flok issir fit-triq. Il-kunsilliera kollha qablu unanimament.

22.3.3 Preżentata korrispondenza mibgħuta minn Adrian Mifsud b'quotation għas-servizz ta' Data Protection Officer għall-Kunsill Lokali tal-Birgu għal perjodu ta' sena. Il-kunsill qabel li jġib quotation mingħand kumpanija oħra għax din kienet wisq għolja.

22.3.4 Preżentata korrispondenza mis-Sindku mibgħuta MANDRAĠĠ.

22.3.5 Preżentata korrispondenza mis-Sindku mibgħuta lill-Ministru l-Onor. Byron Camilleri dwar il-Pulizija fil-Komunità sabiex jiġi ntrodott fil-Birgu. L-ebda tweġiba ma kellna mingħand dan il-Ministru.

22.3.6 Preżentata korrispondenza mis-Sindku mibgħuta Sur Mario Fava, President tal-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-problemi li l-kunsilli qed jaffaċjaw fil-ġbir tal-iskart riċiklabbli. Is-Sindku spjega li għalkemm s'issa qatt ma kellna problemi dwar dan il-ġbir mal-kollettur tagħna, ikun tajjeb li niffirmaw dan id-dokument sabiex inkunu parti mid-diskussjonijiet li qed isiru. Il-kunsilliera kollha qablu unanimament.

22.3.7 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Antonella Galea, Segretarja Eżekuttiva tar-Reġjun Xlokk bil-Minuti tal-Laqgħa Straordinarja

Nru43/2020 fejn ġie diskuss l-iskart riċiklabbli u l-problema ta' diversi kunsilli lokali. Din torbot ma' dak li ntbagħt mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

22.3.8 Preżentata korrispondenza mis-Sur Mario Fava, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-proġett Slow Streets. Is-Sindku qal li f'isem Il-Kunsill Lokali tal-Birgu kien wera l-interess tiegħu għal dan il-proġett sabiex nhar ta' Ħadd filgħodu tibda tingħalaq il-Pjazza għat-traffiku u tkun biss pedonali. Is-Sindku qal li mill-feedback li ħa mil-laqgħa li fiha kienu mistiedna s-sidien tal-ħwienet tal-pjazza u l-madwar kif ukoll l-għaqdiet li għandhom il-barijiet tagħhom mikri lil terzi, ġie deċiż li l-Pjazza tingħalaq is-Sibt filgħaxija u mhux il-Ħadd filgħodu ankè ħabba l-fatt li tkun aktar faċli għall-parking peress li l-grawnd tal-football ikun aċċessibli. Is-Sur Anton Gellel kien preżenti għal din il-laqgħa. Is-Sindku wera iżda d-diżappunt li sabiex il-kunsill japplika għal dan il-proġett, irid iħallas €3000, bħal kull kunsill ieħor, sabiex isir studju tat-traffiku minn kumpanija privata li qed tipprovdi l-Assoċjazzjoni. Is-sindku u l-kunsilliera qablu li din l-applikazzjoni ma' tkunx sottomessa. Il-Viċi-Sindku kellu jiċċekja mas-Sur Paul Farrugia, President tar-Reġjun Xlokk, jekk dawn il-flus konniex se nieħduhom lura meta l-kunsill iħallas din l-applikazzjoni. Is-Sur Farrugia ġie infurmat li l-Kunsill huwa biss interessat li japplika iżda ma ssottomettiex l-applikazzjoni.

22.3.9 Preżentata korrispondenza mis-Sur Charlie Boxall fejn bagħat ittra lill-Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex joffri b'mod volontarju li jsuq il-Van għall-Anzjani. Il-kunsill qabel unanimament ma' din l-offerta volontarja għal dan is-servizz.

22.3.10 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Ian Magro Assistant Prinċipal tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn informa lis-Sindku li meta jkollna konferma ta' dak li ser jiġi organizzat fil-Birgufest, ninfurmawh sabiex nibbenefikaw mill-fondi mogħtija mil-LESA.

22.3.11 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Planning Authority dwar il-permess li ġie rifjutat sabiex binja fi Triq il-Foss tinbidel għal Art Cafè. Il-kunsill kien wera l-oġġezzjoni tiegħu għal din l-applikazzjoni.

22.3.12 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lis-Sinjura Margaret Zammit, b'risposta għall-ittra li bgħatet sabiex tistaqsi dwar jekk il-Librerija Reġjonali tal-Birgu hix lesta li terga' tibda tiftaħ mill-ġdid. Is-Sindku nfurmaha li meta tasal il-librara l-ġdida, il-librerija tkun tista' titranġa u terġa' tibda topera kif mixtieq.

22.3.13 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Avukat David Bonello dwar ittra li s-Sindku John Boxall talab li tintbagħat lis-Sur Jorge Grech, Sindku ta' Ħaż-Żabbar dwar dikjarazzjoni li għamel fuq il-mezzi soċjali (Facebook) fejn qal li Bieb is-Sultan huwa parti minn Ħaż-Żabbar u talli ta' il-permess li dan il-bieb jintefa' mid-dwal sabiex jinxtegħel b'mod differenti għal attività oħra. Is-Sindku qal li jekk l-ebda dikjarazzjoni ma saret mis-Sindku ta' Ħaż-Żabbar sabiex jiċċara l-kliem li kiteb, se jipproċedi bil-qorti. Il-kunsill qabel unanimament.

22.3.14 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lis-Sur Robert Schembri minn Infrastructure Malta sabiex jinfurmah li Triq Wenzu Dyer ma kinetx waħda mit-toroq li l-Kunsill indika li għandha ssir bit-tarmac bħala parti mit-toroq li qed jiġi rranġati minn Infrastructure Malta. Is-Sindku nfurmah li qabel jibda l-proġett tal-pavimentar tal-Pjazza tal-Birgu għandhom ikunu lesti Triq il-Palazz l-Antik tal-Gvernatur, San Filippu, La Valette u De Opertis.

22.3.15 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Joseph Randon, Supervisor Location Manager tal-kumpanija Latina Picture LTD. dwar id-dati li possibilment isiru l-preparamenti u l-filming ta' film fil-Birgu.

22.3.16 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Noel Castillo dwar attivitajiet ta' fund raising mill-Għaqda Piroteknika 10 ta' Awwissu. Is-Sindku infurmah li ma jsib l-ebda oġġezzjoni sabiex dawn l-attivitajiet isiru, ma jitħallas ebda permess sabiex b'hekk il-kunsill jgħin kif jista' f'dawn iż-żminijiet diffiċli u li jinżamm il-post nadif wara kull attività li ġie mitlub u mogħti permess għalihom.

22.3.17 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Bjorn Callus f'isem l-għaqdiet tal-Festa ta' San Lawrenz sabiex issir laqgħa mal-Kunsill Lokali tal-Birgu dwar l-attivitajiet soċjali li se jsiru fil-jiem tal-festa flok l-attivitajiet li normalment isiru fil-festa ta' San Lawrenz. Ġie deċiż li l-kunsill jiltaqa' magħhom il-Ħamis 9 ta' Lulju 2020 fis-6:00pm fejn kellu jkun preżenti wkoll il-kunsillier is-Sur Anton Gellel.

22.3.18 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Rebecca Zammit minn MEUSAC dwar għajnuna lill-Kunsill Lokali tal-Birgu fuq proġetti ta' 'town twinning'. Il-Kunsill kien mistieden li jattendi t-Tlieta 7 ta' Lulju 2020 fis-1:45pm. Is-Sindku spjega kif f'din il-laqgħa, MEUSAC ser tgħin lill-kunsill fil-ġemellaġġ bejn Parisot fi Franza kemm bħala applikazzjoni kif ukoll f'fondi li l-kunsill se jibbenefika għall-ammont ta' €5000.

22.3.19 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Joseph Azzopardi mill-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, Arti u Gvern Lokali sabiex tingħata informazzjoni dwar proġett li l-Kunsill Lokali tal-Birgu jinsab sieħeb fih. Il-proġett huwa BRIDGE u se jsir f'ħames pajjiżi differenti (Malta mhux inkluża) li huma wkoll imsieħba f'dan il-proġett.

22.3.20 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Martin Sultana, Direttur tal-kumpanija HORIZON 2000 dwar korsijiet tal-kompjuter għal-lokalità tal-Birgu.

22.3.21 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Josianne Cassar, Uffiċjal Responsabbli mill-Ġemellaġġi sabiex tinforma lill-Kunsill Lokali tal-Birgu li ġie approvat il-ġemellaġġ ma' Parisot mill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali.

22.3.22 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Christopher Briffa mill-Fondazzjoni Alfred Mizzi bil-logo l-ġdid tal-fondazzjoni sabiex jiġi mwaħħal mal-van tal-anzjani flok dak antik.

22.3.23 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Danilo Castrolla dwar sejħa għal partners fi proġett ieħor ta' ENI MED. Il-Kunsill Lokali tal-Birgu wera l-interess tiegħu.

22.3.24 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Angelo Ciocchetti dwar proġett bl-isem Sport Project and Medieval Sport. Il-Kunsill Lokali tal-Birgu wera l-interess u bgħat l-informazzjoni meħtieġa.

22.3.25 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Mark Causon dwar proġett ta' Interreg Med dwar l-iskart, fejn qed jistaqsi lill-Kunsill Lokali tal-Birgu jekk hux minnu li bħala kunsill interessati f'dan il-proġett biex firkas ikun hu li jirrapreżentana u nidħlu partners. Il-Kunsill Lokali tal-Birgu wera l-interess għal dan il-proġett.

22.3.26 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Lavinia Traina dwar il-proġett Europe for Citezens – Network of Towns. Il-Kunsill Lokali tal-Birgu wera interess f'dan il-proġett u bgħat l-informazzjoni meħtieġa.

22.3.27 Preżentata korrispondenza mis-Sur Emanuel Busuttil Dougall f'isem l-Għaqda Filarmonika Prince of Wales Own tal-Birgu sabiex jinforma lill-Kunsill Lokali tal-Birgu li jekk il-Birgufest 2020 isir, il-banda ta' din l-għaqda tagħmel kunċert nhar il-Ġimgħa 9 ta' Ottubru 2020 filgħaxija f'Couvre Porte.

22.3.28 Preżentata quotation mitlub mis-Sindku sabiex isir xogħol ta' tisbiħ u tħawwil ta' siġar taż-żebbuġ f'ħawt li hemm fi Triq il-Kardinal kantuniera ma' Triq Wenzu Dyer. Il-quotation ġiet approvata unanimament.

22.3.29 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Marika Seychell f'isem il-Planning Authority dwar il-blokok tal-Gvern li fadal fil-Birgu li fihom trid issir manutenzjoni tal-komun u li jistgħu jibbenefikaw mill-Housing Authority Scheme 2. Il-kunsill għandu jagħmel komunikat mar-residenti li jgħixu f'dawn il-binjiet sabiex jinħatar amministratur ta' kull blokka.

22.3.30 Preżentata korrispondenza mis-Sindku mibgħuta lill-Ministru għall-Ambjent, it-TIbdil fil-Klima u l-Ippjanar, l-Onor. Aaron Farrugia dwar il-fanali l-antiki li qed jiġu restawrati u mwaħħlin f'diversi toroq fil-Birgu.

22.3.31 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Liam Gauci, kuratur tal-Mużew Marittimu dwar l-ankra li l-Kunsill Lokali tal-Birgu talab lill-istess mużew sabiex din titpoġġa fir-roundabout ta' Cafè Riche flok il-ħafna ġebel fin-nofs li diġà hemm. Is-Sur Gauci kiteb li din l-ankra ser tibqa' propjetà ta' Heritage Malta u talab sabiex jiltaqgħa mas-Sindku biex jara l-ankra u l-post fejn ser titpoġġa.

**22.4 Riżultat tal-Interviews għas-sejħa ta' Skrivan/a full-time**

Is-Sindku informa lill-kunsilliera kollha li kienu reġgħu waslu c-CVs b'relazzjoni għal din is-sejħa u saret interview waħda mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv. Din il-persuna ma kinetx dik ideali għal din is-sejħa. Is-sejħa issa kienet miftuħa għal dawk li japplikaw taħt Part 3 mal-JobsPlus.

**22.5 Tagħrif dwar il-proġett tal-Pjazza tal-Birgu**

22.5.1 Is-Sindku informa lill-kunsilliera kollha li huwa flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu mal-Ministru l-Onor. Julia Farrugia dwar il-proġett tal-Pjazza tal-Birgu fejn ġie maqbul li Infrastructure Malta ser tagħmel ix-xogħlijiet meħtieġa ta' servizzi u tasal sal-livell tal-konkoss qabel il-pavimentar u l-Malta Tourisim Authority ser tħallas il-pavimentar tal-pjazza. Is-Sindku nforma wkoll lill-kunsilliera li qabel jibda l-proġett, talab lil Infrastracture Malta sabiex tlesti Triq il-Palazz l-Antik tal-Gvernatur, San Filppu, De Opertis u La Vallete u wara jibda l-proġett.

22.5.2 Is-sindku qal li skont il-permessi li hemm, hemm imniżżel li ssir ċangatura bħalma saret fil-Collachio u kulħadd qabel li din ma tistax issir hekk iżda tinżtuża ċangatura differenti. Għaldaqstant trid issir talba biex iċ-ċangatura tkun differenti.

22.5.3 Is-Sindku u l-kunsilliera qablu li għandu jkun hemm xi forma ta' ħġieġa fuq il-pedament tal-Arloġġ sabiex dan jibqa' jitgawda. Il-Viċi-Sindku qal li tajjeb li din tkun tinfetaħ biex titnaddaf minħabba l-fatt li postijiet oħra li sar dan it-tip ta' ħġieġ, inġemgħa l-ħmieġ taħtu.

22.5.4 Is-Sindku u l-kunsillera qablu li nhar ta' Sibt, meta l-pjazza tibqa' tingħalaq għat-traffiku, għandhom jitpoġġew bollards u ħabel sabiex jagħtu impressjoni ta' kif huwa maħsub li 'l quddiem tiġi l-Pjazza wara li jsir il-proġett.

**22.6 Tagħrif dwar il-proġett tal-panelli**

Is-Sindku qal li avviċina lis-Sur Matthew Spiteri, li lest li jinvesti huwa fil-panelli fuq il-bejt tal-Berġa ta' Franza, tal-Ingilterra u l-bejt ta' Couvre Port. Il-ħsieb huwa li s-Sur Spiteri jinvesti u jieħu ħsieb l-ispejjeż kollha relatati, jagħti d-dawl b'xejn lill-kunsill, filwaqt li hu jbiegħ iżżejjed li jibqa' mill-konsum li jiġġeneraw il-panelli. Il-kunsill qabel unanimament fuq din il-proposta.

**22.7 Publikazzjoni ta' Tender għal xogħlijiet ta' Imprint Concrete**

Is-Sindku informa lill-kunsilliera li l-Perit Mark John Scicluna kellu jlesti l-informazzjoni meħtieġa sabiex jinħareġ it-tender sabiex isiru xogħlijiet ta' Imprint Concrete f'diversi partijiet fil-Birgu. Il-kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

**22.8 Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti li tkopri ċ-ċekkijiet bin-numri, BOV 5490 sa BOV 5521. Il-Kunsilliera preżenti approvaw b'mod unanimu l-iskeda ta' Pagamenti datata 29 ta` Mejju 2020 sat-30 ta` Ġunju 2020.

**22.9 Komunikazzjoni mis-Sindku**

22.9.1 Is-Sindku nforma lill-kulħadd li l-Onor. Chris Agius ikkonfermalu li l-proġett ta' Sally Port (it-Toqba) se jibda mill-Birgu aktarx f'Awwissu li ġej.

22.9.2 Is-Sindku nforma lill-kulħadd li f'isem il-Kunsill, ser napplikaw għal Green Wardens fil-lokalità tagħna.

22.9.3 Is-Sindku informa lill-kulħadd li ser tintbagħat notifika lis-Soċjetà Mużikali San Lawrenz sabiex isir il-kuntratt il-ġdid biex tibda r-rata l-ġdida tal-kera tal-garaxx tal-Ħawli fejn jinħażen il-planċier matul is-sena. Il-kunsill qabel unanimament.

22.9.4 Is-Sindku qal li t-tieni edizzjoni tal-ktieb Survivors maħruġ mis-Sur Joe Smith jinsab kważi lest. Il-kunsill kellu spiża ta' madwar €2500 sabiex jiġu koperti diversi spejjeż relatati. Il-kunsill qabel unanimament.

22.9.5 Is-Sindku qal li ġie informat mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv li s-Sinjura Lara Mascena, ex-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Birgu tablet li tiġi riveduta l-Performance Bonus Appraisal approvat mill-kunsill fil-laqgħa preċedenti. Il-kunsill qabel unanimament li dik kienet id-deċiżjoni tal-kunsill u għandha tiġi rispettata. L-ebda aġġustament ma għandu jsir minn dak li diġà kien deċiż.

22.9.6 Is-Sindku qal l-idea tal-Viċi-Sindku, li jsir 'cinema weekend' fil-Birgu bħalma sar fil-Belt Valletta, hija waħda tajba u li tista' tqajjem ftit kummerċ fil-Birgu u aktar ħajja fil-Pjazza tal-lokalità tagħna. Is-Sur Christopher Cassar kellu jieħu ħsieb li jsib weekend għal din l-attività.

22.9.7 Is-Sindku qal li jaqbel mal-proposta tal-kunsiller is-Sur Jason Portelli sabiex tiġi nstallata mera fejn it-tower crane li hemm fi Triq San Lawrenz sabiex jiġi evitat xi incident. Is-sindku kellu jikkomunika mal-kumpanija li qed tagħmel ix-xogħol fuq il-Mużew Marittimu sabiex din tiġi nsallata.

22.9.8 Is-Sindku qal li qed jistenna artistic impression sabiex jiġi rranġat u żviluppat il-ġnien tal-Glażiż li jibda minn fejn l-iskola Primarja tal-Birgu u jispiċċa l-Ħawli. Il-kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

**22.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-tmienja ta` filghaxija (8.00pm). Is-seduta li jmiss tal-Kunsill Lokali tal-Birgu se ssir it-Tnejn 27 ta` Lulju 2020 fil-ħamsa u nofs ta` filgħaxija (5:30pm).

Konfermati illum: **27 ta' Lulju 2020.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall | Christian Lawrence Raggio Vella |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |